This judicial letter is being sent for all purposes and effects of Article 166A of Chapter 12 of the Laws of Malta. The interpellant company warns you in terms of the same article that in default of a reply this judicial letter within thirty days time from the day of service of the same letter, by filing a note in the acts of the same letter by means of which you reject the demand, which note can be presented by you without the signature of a lawyer or a legal procurator, this judicial letter shall constitute an executive title.

With costs and further interests till the date of effective payment.

The contents of this judicial letter is being sworn by Dr John Buttigieg who is authorised by the interpellant company for this reason.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th July 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1217

SUBBASTA NRU. 12/2010

B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-2 ta' Marzu 2010 fir-Rikors Ġuramentat Nru. 14/2009, fl-ismijiet Dr Justyne Caruana noe vs Josephine Farrugia ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 19 ta' Lulju 2010 fl-10.00 a.m. u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-BEJGĦ B'LIĊITAZZJONI, li kien ġie ordnat b'digriet tal-21 ta' Mejju 2010 li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Victoria, Għawdex, tal-fondi hawn taħt deskritti:

1. Fond Nru 61/62, Triq il-Kbira, Xewkija, Ghawdex, b'faċċata ta' cirka 6.94 metri u b'area ta' 196.1 metri kwadri, stamt li jiswa €151,410

2. Tomna (1,124.13 metri kwadri) raba' magħrufa bħala 'Ta' Felu', fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex, stmat li jiswa €11,647

L-imsemmija fondi huma propjetà tal-eredi tal-mejta Giovanna Xiberras.

L-imsemmija fondi jinbiegħu bħala ġew deskritti mill-AIC Joseph Mizzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-22 ta' Jannar 2010, ippreżentata fl-atti tal-kawża fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 24 ta' Mejju 2010.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

AUCTION NO. 12/2010

By a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 2nd March 2010 in the records of the Sworn Application No. 14/2009 in the names of Dr Justyne Caruana noe vs Josephine Farrugia, the day of Monday 19th July 2010 at 10.00 a.m. and until the highest public bid has been adjudicated, as ordered by a decree given on the 21st May 2010, has been fixed for the SALE BY LICITATION, to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property:

1. Tenement number 61/62, Triq il-Kbira, Xewkija, Gozo, with a façade of approximately 6.94 metres and an area of 196.1 square metres, valued at €151,410.

2. A plot of land measuring 1 tumolo (1,124.13 square metres) known as 'Ta' Felu', limits of Xewkija, Gozo, valued at €11,647

The said tenements are the property of the heirs of the deceased Giovanna Xiberras.

The said tenements will be sold as described in the report sworn to by AIC Joseph Mizzi on the 22nd January 2010, filed in the records of the aforesaid lawsuit.

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 24th May 2010.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1218

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Lulju, 2010, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Antonio Mizzi), fil-kompilazzjoni Numru 667/2010 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
(Spettur Pierre Grech)

kontra:

GODFREY GAMBIN, 34 sena, impjegat, bin Godfrey u Emanuela xebba Borg, imwieled Attard fl-10 ta' April, 1976 u residenti f'Godlil, Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin u detentur tal-Karta tal-Identità numru 243176(M);

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st July, 2010, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Antonio Mizzi) Compilation Number 667/2010 in the case:

The Police
(Inspector Dennis Theuma)
(Inspector Pierre Grech)

versus:

GODFREY GAMBIN, 34 years, employed, son of Godfrey and Emanuela neé Borg, born in Attard on the 10th April, 1976 and residing at Godlil, Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin and holder of Identity Card No. 243176(M);

NABEIL M. IBRAHIM SALEH, 38 sena, Negozjant, bin Muhamed u Nuara xebba Salah, imwieled il-Libja fid-19 ta' November, 1971 u residenti f'Dorothy, Flat 1, Triq it-Turisti, St Paul's Bay u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija numru 43750A u passaport Libjan numru 168151 maħruġ f'Zawia fid-9 ta' Frar, 2003; u

ADEL MOHAMED BABANI, 45 sena, disokkupat, bin Mohamed u Selma xebba Bin Suud, imwieled fi Tripoli, Libja fil-25 ta' Awwissu, 1964 u residenti f'numru 3, Malaguena, Triq Carmelo Schembri, Mosta u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija numru 14840A u passaport Libjan numru 416335, maħruġ fi Tripli fis-17 ta' Frar, 2004.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Godfrey Gambin, Nabeil M Ibrahim Saleh u Adel Mohamed Babani jew li huma proprjetà tagħhom u pprojbiethom milli jittrasferixxu jew xort' oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbi ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 5 ta' Lulju, 2010.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

NABEIL M. IBRAHIM SALEH, 38 years, Businessman, son of Muhamed and Nuara neé Salah born in Libya on the 19th November, 1971 and residing at Dorothy, Flat 1, Triq it-Turisti, St Paul's Bay and holder of Maltese Identity Card number 43750A and Libyan Passport number 168151 issued in Zawia on the 9th February, 2003; and

ADEL MOHAMED BABANI, 45 years, unemployed, son of Mohamed and Selma neé Bin Suud, born in Tripoli, Libya on the 25th August, 1964 and residing at 3, Malaguena, Triq Carmelo Schembri, Mosta and holder of Maltese Identity Card number 14840A and Libyan Passport number 416335, issued in Tripoli on the 17th February, 2004.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to Godfrey Gambin, Nabeil M Ibrahim Saleh and Adel Mohamed Babani and prohibited them from transferring or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

Today, 5th July, 2010.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

1219

B'digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1347/10, fl-ismijiet Punch Bowl Company Limited vs Friends for Entertainment, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Duncan Fenech (547174M), Conrad Bonett (102474M), Daniel u Susan Anne konjugi Schembri (59869M) u 408102(L) a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 6 ta' Mejju 2010

Lil: Friends for Entertainment Limited (C 37788)
'Vanguard House'
Luqa Briffa Street,
Gżira.

Duncan Fenech (547174M)
Conrad Bonett (102474M)
Daniel u Susan Anne konujugi Schembri (59869M) u 408102L) rispettivament.

By means of a decree given on the 2nd June 2010, in the records of the judicial letter number 1347/10, in the names Punch Bowl Company Limited vs Friends for Entertainment, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Duncan Fenech (547174M), Conrad Bonett (102474M), Daniel and Susan Anne spouses Schembri (59869M) and 408102(L) in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 6th May 2010

To: Friends for Entertainment Limited (C 37788)
'Vanguard House'
Luqa Briffa Street,
Gżira.

Duncan Fenech (547174M)
Conrad Bonett (102474M)
Daniel u Susan Anne spouses Schembri (59869M) and 408102L) respectively.

'Vanguard House'
Luqa Briffa Street,
Gżira.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali s-soċjetà Punch Bowl Company Limited (C 4088) ta' 4, 'Cronella' Triq it-Tabor, Lija, filwaqt illi tirreferi għall-iskrittura datata 20 ta' Jannar 2006, fejn is-soċjetà mittenti kkonċediet lilkom b'titolu ta' kera l-fond illum magħruf bħala 'AO Paltinum' fi Triq Elia Zammit, San Ġiljan, illi dak iż-żmien kien jopera bħala 'Lava Lounge Bar and Lava Lounge Restaurant' ossia ż-żoni soġġetti għal din il-kirja kif aħjar deskritti fl-imsemmija skrittura u dan taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm imsemmija u tirreferi speċifikatament għal Artikolu 2 u Artikolu 19 tal-imsemmija skrittura qiegħda tagħti lilkom flimkien u solidalment bejnietkom avviż ta' morożità in vista tal-fatt illi l-aħħar ħames (5) skadenzi ta' kera ma tħallsux.

In vista tas-suespost, is-soċjetà mittenti, qiegħda titlob ai termini tal-Artikolu 19, ix-xoljiment tal-imsemmija kirja u kwindi titlobkom flimkien u solidalment tirritornaw il-pussess battal u ċ-ċwievet tal-fond imsemmi.

Intom flimkien u solidalment mitlubin ukoll tħallsu fi żmien gimgħa l-iskadenzi ta' kera flimkien mas-somma ta' (€11,646.87) għal kull ġurnata illi tiddekorri sakemm il-fond jiġi minnkom vakat u tirritornaw il-pussess tal-fond lis-soċjetà mittenti, ai termini tal-Artikolu 20 tal-imsemmija skrittura, flimkien mal-imgħaxijiet permissibbli, skont l-imsemmija skrittura.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda issir għal fini u effetti kollha tal-liġi kif ukoll ai termini tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 19 tal-imsemmija skrittura.

Tant sabiex tagħrfu timxu u jiġu evitati spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Soċjetà mittenti: Punch Bowl Company Limited, 'Cronella', Triq it-Tabor, Lija.

Intimati: Friends for Entertainment Limited, 'Vanguard House', Luqa Briffa Street, Gżira.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Lulju 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

'Vanguard House'
Luqa Briffa Street,
Gżira.

By the present judicial letter the company 'Punch Bowl Company Limited (C 4088) of 4, 'Cronella' Triq it-Tabor, Lija, whilst referring to the writing dated 20th January 2006, whereby the interpellant company granted to you by title of lease the premises today known as 'AO Platinum' at Triq Elia Zammit, San Ġiljan, which at that time operated as 'Lava Lounge Bar and Lava Lounge Restaurant' or rather the zones subject to this lease as better described in the said writing and this under the pacts and conditions therein mentioned and refers specifically to Article 2 and Article 19 of the said writing and is giving you together and in solidum between you notice of default in view of the fact that these last five (5) rent instalments were not paid.

In view of the above, the interpellant company is asking in terms of Article 19 the dissolution of the said lease and thus asks you together and in solidum to return the vacant possession and keys of the premises mentioned.

You are together and in solidum asked to pay within one week the instalments of rent together with the sum of (€11,646.87) for every day which passes till the premises is vacated by you and you return the possession of the premises to the interpellant company, in terms of Article 20 of the said writing, together with interests permissible according to the said writing.

This judicial letter is being made for all intents and purposes of law as well as in terms of Article 2 and Article 19 of the said writing.

So much so that you may know how to proceed and avoid further expenses.

With costs.

Interpellant company: Punch Bowl Company Limited, 'Cronella', Triq it-Tabor, Lija.

Respondents: Friends for Entertainment Limited, 'Vanguard House', Luqa Briffa Street, Gżira.

Registry of the Superior Courts, today 6th July 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1220

B'digriet tal-25 ta' Mejju 2010, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-25 ta' Mejju 2010, fuq talba ta' Melita Marine Ltd (C 24026), ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut Michael Pass fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 36/2009AL, fl-ismijiet Melita Marine Ltd vs Michael Pass et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2009 fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Melita Marine Ltd (C 24026), ta' 19, Garden Street, Gżira GZR03 vs 1. Michael Pass, detentur tal-passaport Kanadiż bir-referenza BA500757, b'indirizz ta' C/Garita 48, 07015 Palma de Mallorca, Baleares, Spanja u 2. l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2009 nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil PG+ SYSTEMS LLC, soċjetà estera reġistrata mal-Companies Registry tal-Isle of Man bin-numru 000855 ittra 'L' u b'indirizz ta' Grosvenor Court, Albert Road, Ramsey, IM8, ir-rikorrenti Melita Marine Ltd (C 24026), talbet li għar-raġunijiet hemmhekk premessi u sostanzjalment stante morożità fi ħlas fir-rigward ta' somma bilanċjali dovuta bħala parti minn somma akbar skont skrittura privata datata 13 ta' Diċembru 2007 din l-Onorabbli Qorti għandha:

1. tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u tletin elf disa' mija u wieħed u disgħin Ewro (€34,991).

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja datata 23 ta' Ġunju 2008, u bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata skont il-liġi mill-10 ta' Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Soċjetà attriċi: Melita Marine Ltd (C 24026) – 19, Garden Street, Gżira GZR03;

Konvenuti: (1) Michael Pass, detentur tal-passaport

By means of a decree of the 25th May 2010, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 25th May 2010, following a request of Melita Marine Ltd (C 24026), it was ordered that deputy curators be chosen to represent the respondent Michael Pass in the records of the Sworn Application number 36/2009AL, in the names Melita Marine Ltd vs Michael Pass et and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed on the 14th January 2009 in the First Hall Civil Court, in the names Melita Marine Ltd (C 24026), of 19, Garden Street, Gżira GZR03 vs 1. Michael Pass, holder of Canadian passport reference BA500757, with an address of C/Garita 48, 07015 Palma de Mallorca, Baleares, Spain and 2. Advocate Dr Anthony Cutajar and L.P. Victor Bugeja by virtue of a decree of the 18th December 2009 nominated deputy curators to represent PG+ SYSTEMS LLC, a foreign partnership registered with the Companies Registry of the Isle of Man with number 000855 letter 'L' and with an address of Grosvenor Court, Albert Road, Ramsey, IM8, the applicant Melita Marine Ltd (C 24026), asked that for the reasons therein premised and substantially on the basis of default in payment of the balance of a bigger sum due in terms of a private writing dated 13th December 2007 this Honourable Court should:

1. to condemn the defendants to pay the plaintiff company the sum of thirty-four thousand nine hundred and ninety-one euros (€34,991).

With costs including those of the interpellatory letter dated 23rd June 2008, and with interests at the highest rate in terms of law from 10th March 2008 until the date of effective payment, all against the defendants called upon as from now with reference to their oath.

List of witnesses.

List of Documents.

Plaintiff: Melita Marine Ltd (C 24026) – 19, Garden Street, Gżira GZR03;

Defendants: (1) Michael Pass, holder of Canadian passport

Kanadiż bir-referenza BA500757 – C/Garita 48, 07015 Palma de Mallorca, Baleares, Spanja; u (2) l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2009 nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil PG+ SYSTEMS LLC, soċjetà estera reġistrata mal-Companies Registry tal-Isle of Man bin-numru 000855 ittra 'L', u b'indirizz ta' Grosvenor Court, Albert Road, Ramsey, IM8 – il-Qorti, Valletta (żewġ kopji).

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bhala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhiedha tal-Onor. Imħallef Joseph Zammit Mckeon, LL.D.

Illum 25 ta' Mejju, 2010.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Lulju, 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

reference BA500757 – C/Garita 48, 07015 Palma de Mallorca, Baleares, Spain; and (2) Advocate Dr Anthony Cutajar and L.P. Victor Bugeja by virtue of a decree of the 18th December 2009 nominated deputy curators to represent PG+ SYSTEMS LLC, a foreign partnership registered with the Companies Registry of the Isle of Man with number 000855 letter 'L', and with an address of Grosvenor Court, Albert Road, Ramsey, IM8 – Courts of Justice, Valletta (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a note to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Joseph Zammit Mckeon, LL.D.

Today 25th May, 2010.

Registry of the Superior Courts, today 6th July, 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1221

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-11 ta' Novembru 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Ċedola ta' Kompensazzjoni ppreżentata mill-HSBC Bank Malta PLC fil-25 ta' Ġunju 2010, il-Bank qiegħed jikkompensa l-ammont minnha offrut ta' €46,250 ma' somma ekwivalenti mill-kreditu dovut mill-intimati riżultanti mill-istess atti tas-subbasta bin-numru 73/2008 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Brownie LTD.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Prim'Awla, illum 6 ta' Lulju 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 11th November 2008, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by a Schedule of set-off filed by HSBC Bank Malta PLC on the 25th June 2010, the mentioned Bank is compensating the amount offered of €46,250 with an equivalent sum from the credit due from the plaintiffs as resulting from the acts of the judicial sale by auction numbered 73/2008 in the names: HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Brownie LTD.

Registry of the Civil Court First Hall, today the 6th June, 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1222

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Mejju 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 868/10, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Darren Scicluna, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Darren Scicluna ta' 10, Triq Santa Marija, Żabbar, fit-3 ta' Marzu 2010 Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, filwaqt illi tagħmel referenza għall-inċident awtomobilisitiku illi seħħ fit-13 ta' Mejju 2009 għall-ħabta tal-4.10 p.m. ġewwa Labour Road, Żabbar, illi fih inti kont involut bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBO 406, minnek assigurata mal-mittenti, u għall-fatt illi inti nqast milli tirreġistra claim in konnessjoni mal-istess kif kont obbligat illi tagħmel kemm ai termini tal-Liġi, kif ukoll ai termini tal-polza relattiva, tinformak għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi illi, stante illi jidher kjarament illi inti kont taħti għall-akkadut, hija feħsiebħa tħallas lit-terzi involuti ġa msemmija l-ammont ta' danni minnha reklamat ammontanti għal €814.41.

Il-mittenti tinformak illi f'każ illi inti topponi tali pagament ta' €814.41, hija xorta waħda jista' jkollha teffettwa l-pagament skont il-Liġi (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara tipproċedi kontra tiegħek b'kawża għall-ħlas tal-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha, u l-interessi, li hija tista' tiġi kkundannata li tħallas għan-nom tiegħek.

Fl-aħħar nett, il-mittenti tinterpellak sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tottempera ruħek mal-kundizzjonijiet tal-polza relattiva, u tħallasha l-ammont minnek dovut in linea ta' excess payment in konnessjoni mal-istess inċident.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, u senjatament tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 6 ta' Lulju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 4th May 2010, in the records of the judicial letter number 868/10, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Darren Scicluna, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Darren Scicluna of 10, Triq Santa Marija, Żabbar, on the 3rd March 2010, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the car accident which occurred on the 13th May 2009 at about 4.10 p.m. in Labour Road, Żabbar, where you were involved with the vehicle registration number CB0 406, insured by you with the interpellant, and to the fact that you did not register a claim in connection with the same as you were obliged to do in terms of Law and also in terms of the relative insurance policy, informs you for all purposes and intents of Law, that as it is clear that you were to blame for what happened, it intends to pay all the damages claimed by third parties already mentioned, the amount due that of €814.41.

The interpellant informs you that if you oppose such payment that is €814.41, it shall still have to effect such payment according to Law (Cap. 104 of the Laws of Malta) and after it shall proceed against you by means of a law suit for all legal and judicial expenses and the interest, that it has to pay on your behalf.

In the end, the interpellant calls upon you so that within three (3) days you abide with the conditions of the relative insurance policy, and you pay the amount due by you as excess payment in connection with the same accident.

This judicial letter is being made for all effects and purposes of Law, and especially Chapter 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 6th July 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1223

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Marzu 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5689/09, fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Generoso Sammut, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Generoso Sammut ta' 32, Triq Ferdinando Hompesch, Siġġiewi, fl-20 ta' Ottubru 2009, il-Kummissarju tal-Artijiet ta' Auberge De Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, qiegħed għall-fini tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dok. A u jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €6,988.10, bħala bilanċ tal-kera dovuta lill-mittenti, fuq it-tenement numru 066235 bl-indirizz Shop 3, Civic Centre, Triq San Katald, Rabat, u dana għall-perjodu mill-15-03-2007 sal-14-03-2010.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' oppożizzjoni da parti tiegħek skont l-imsemmi Artikolu 466 l-esponenti jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Lulju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 10th March 2010, in the records of the judicial letter number 5689/09, in the names Commissioner of Lands vs Generoso Sammut, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Generoso Sammut of 32, Triq Ferdinando Hompesch, Siġġiewi, on the 20th October 2009, the Commisssioner of Lands of Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, in terms of Article 4B of the Code of Organisation and Civil Procedure, notifies you with the annexxed sworn declaration marked Doc. A and calls upon you so that within two days you pay the sum of €6,988.10 as the balance of rent due by you on the tenement number 066235 with the address Shop 3, Civic Centre, Triq San Katald, Rabat and this for the period of 15-03-2007 til the 14-03-2010.

In default of payment or of opposition on your part in terms of Article 466 the interpellant shall proceed with the issue of executive warrants against you according to law.

With costs and legal interests.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th July 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1224

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-11 ta' Novembru 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat mill-HSBC Bank Malta PLC fil-25 ta' Ġunju 2010, qed jintalab biex l-Onorabbli Qorti tapprova l-kompensazzjoni magħmula biċ-ċedola kontestwalment ippreżentata bin-numru 827/2010 fl-atti tas-subbasta bin-numru 73/2008 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta PLC vs Brownie Ltd. Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lid-debitur u lill-krediturі kollha magħrufa tlett ijiem biex jippreżentaw ir-risposta tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Prim'Awla, illum 6 ta' Lulju 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 11th November 2008, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by an application filed by HSBC Bank Malta PLC on the 25th June 2010, it is being asked for the approval of the compensation made by the schedule of set-off filed contemporaneously, numbered 827/2010, in the judicial sale by auction numbered 73/2008 in the names: HSBC Bank Malta PLC vs Brownie Ltd. The Court ordered the notification of the application to the debitor and to all the known creditors with a three day period for the reply.

Registry of the Civil Court First Hall, today the 6th July, 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1225

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Frar 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 7451/09, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Denise Grech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Denise Grech (K.I. 210278M) ta' 6, Triq tas-Sliema, San Ġwann, fit-23 ta' Diċembru 2009, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €727.16 bilanċ għad-debitu fil-Loan Account tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-13 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk int tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Lulju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 4th February 2010 in the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 7451/09 in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Denise Grech ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Denise Grech (I.D. 210278M) of 6, Triq tas-Sliema, San Ġwann, on the 23rd December 2009, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, calls upon you so that within two days you pay the sum of €727.16 balance of debt in your Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 13th October 2009 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 7th July 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1226

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Lulju, 2010, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Doreen Clarke, LL.D.), fil-kumpilazzjoni numru 801/2009 fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)

Kontra:

Saviour Micallef ta' 44 sena, self employed, bin Nicholas u Carmela neé Vassallo, imwieled Siġġiewi fit-30 ta' Ġunju, 1965, residenti f'Numru 42, 'San Nikola di Bari', Triq id-Difa, Siġġiewi u detentur tal-karta tal-identità 333765(M);

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu jmissu lil:-

1. Superfruits Limited (C37273),
2. The Veg Point Limited (C29407),
3. VSP Foods Limited (C31960),
4. Perry Distributors (Malta) Limited (C43414) u
5. Topfresh Trading Limited (C43492)

It is being notified that by a decree dated 5th July, 2010, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Doreen Clarke, LL.D.) Compilation Number 801/2009 in the names:

The Police
(Inspector Ivan Cilia)

Versus:

Saviour Micallef, 44 years, self employed, son of Nicholas and Carmela neé Vassallo born in Siġġiewi on the 30th June, 1965, and residing at No. 42, 'San Nikola di Bari', Triq id-Difa, Siġġiewi, holder of Identity Card bearing number 333765(M);

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other movable property due or pertaining or belonging to:-

1. Superfruits Limited (C37273),
2. The Veg Point Limited (C29407),
3. VSP Foods Limited (C31960),
4. Perry Distributors (Malta) Limited (C43414) and
5. Topfresh Trading Limited (C43492)

jew li jkunu proprjetà tal-imsemmija soċjetajiet u pprojbiet lill-imsemmija soċjetajiet milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort' oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

and prohibits the said companies from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property in terms of Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Illum, 6 ta' Lulju, 2010.

Today, 6th July, 2010.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali

JOSEPH SACCO
Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals

1227

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Marzu 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 6516/09, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Elvin Ciantar, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree on the 3rd March 2010, in the records of the judicial letter number 6516/09, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Elvin Ciantar, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Elvin Ciantar (K.I. 406079M) ta' 41, Triq San Franġisk, Isla, fl-24 ta' Novembru 2009, HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta, jirreferik għall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa, datat 30 ta' Lulju 2008, u jinterpellak sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum inti tħallas is-somma ta' €5,251.38, dovut a tenur tal-istess kuntratt oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-9 ta' Novembru 2009, sad-data tal-pagament effettiv.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Elvin Ciantar (I.D. 406079M) of 41, Triq San Franġisk, Isla, on the 24th November 2009, HSBC Bank Malta plc of 116, Archbishop Street, Valletta, refers to the deed in the acts of Notary Doctor Nicholas Briffa dated 30th July 2008, calls upon you so that within seven days from today you pay the sum of money that is €5,251.38, due in terms of the deed besides legal interest at 8% per annum from the 9th November 2009 till the date of effective payment.

Fin-nuqqas ta' ħlas, il-Bank mittenti javżak li ser jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

In default of payment, the interpellant Bank informs you that further action will be taken against you in Court in execution of the executive title without any further notice.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Bl-ispejjeż.

With Costs.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Lulju 2010.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th July 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1228

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-2 ta' Lulju 2010, Rikors Numru 468/2010, minn Mary Grace Mifsud fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Mary Grace Mifsud, xebba, Costantino Mifsud u Christine Burton mart Michael, aħwa tad-decujus, u dan fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' ħuha Alfred Mifsud, ġuvni, iben il-mejtin Paul u Annetta neé Schembri, imwieled Rabat, Malta fejn kien joqgħod u miet fl-14 ta' April 2010 ta' 62 sena u li kellu karta tal-identità bin-numru 0826147(M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 7 ta' Lulju 2010

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd July 2010, Application number 468/2010 by Mary Grace Mifsud, whereby she prayed that it be declared open in favour of the same Mary Grace Mifsud, unmarried, Costantino Mifsud and Christine Burton, wife of Michael, brothers and sisters of the decujus and this in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the SUCCESSION of her brother Alfred Mifsud, bachelor, son of the late Paul and Annetta neé Schembri, born in Rabat, Malta where he lived and died on the 14th April 2010, intestate, aged 62 holding identity card number 0826147(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 7th July 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1229

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1019/10, fl-ismijiet Thomas Smith Insurance Agency Limited vs Christian Saliba, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Christian Saliba ta' Villino Sacro Cuore, Triq il-Kunzar, Msida, fit-22 ta' Marzu 2010, Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala aġent f'Malta tas-soċjetà assiguratriċi Società Italiana Assicurazione e Ri-assicurazione SIAT spa ta' 12, St Christopher Street, Valletta, tagħmel riferenza għall-inċident li seħħ fl-10 ta' Diċembru 2009 fi Triq Ċensu Farrugia bejn il-vettura misjuqa minnek, EAO791 u PAM152 misjuqa minn Pamela Micallef.

Tirreferik ukoll għad-deċizjoni mogħtija mill-Arbitru Dott. Joseph P Bonnici fl-atti tal-arbitraġġ M2038/09 fl-ismijiet Thomas Smith Insurance Agency Ltd et vs Saliba Christian u tinterpellak għall-aħħar darba sabiex tħallasha s-somma ta' €1,774.79 flimkien mal-imgħaxijiet fuq din is-somma b'effett mill-10 ta' Diċembru 2009 u dan skont kif ġa notfikat lilek fl-ittra interpellatorja tal-10 ta' Diċembru 2009.

By means of a decree given on the 3rd May 2010, in the records of the judicial letter number 1019/10, in the names Thomas Smith Insurance Agency Limited vs Christian Saliba, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Christian Saliba of Villino Sacro Cuore, Triq il-Kunzar, Msida, on the 22nd March 2010, Thomas Smith Insurance Agency Limited as Malta agent of the insurance company Societa Italiana Assicurazione e Re-Assicurazione SIAT spa of 12, St Christopher Street, Valletta, refers to the accident which occured on the 10th December 2009 in Triq Ċensu Farrugia between the vehicle driven by you, EAO791 and PAM152 driven by Pamela Micallef.

Refers you to the decision given by the Arbitrator Dr Joseph P Bonnici in the acts of the Arbitration M2038/09 in the names Thomas Smith Insurance Agency Ltd et vs Saliba Christian and calls upon you for the last time to pay her to sum of €1,774.79 together with the interests on this sum with effect from the 10th December 2009 and this according to the judicial letter of the 10th December 2009 already notified.

Il-mittenti qiegħda tannessa kopja tat-taxxa uffiċjalment maħruġa fl-imsemmi arbitraġġ sabiex din tiġi reża eżekuttiva għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Daqstant sabiex tagħraf tidderiġi ruħek u tevita spejjeż ulterjuri bla bżonn.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Lulju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant is attaching a copy of the official tax bill issued in the said arbitration so that it would be rendered executable for all effects and purposes of law.

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid further costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 7th July 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1230

B'digriet mogħti fil-31 ta' Mejju 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3360/09, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs David Pace u Ecotrade Limited, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika favur is-soċjetà intimata Ecotrade Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 16 ta' Settembru 2009

Lil: David Pace K.I. Numru 233464(M)
15, Triq Windsor,
Sliema.

Ecotrade Limited C 27394
15, Windsor Terrace,
Sliema.

Bil-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai fini u effetti tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud sabiex fi żmien jumejn min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' Euro 62,620.79 (Tnejn u sittin elf sitt mija u għoxrin Euro u disgħa u sebgħin euro ċenteżmu) bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud liema somma hija dovuta minnkom skont l-istess Att;

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tagħkom.

Fin-nuqqas il-mittenti javżakom li ser jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe, permezz tal-mandati opportuni.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali, sad-data tal-pagament effettiv;
Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 31st May 2010, in the records of the judicial letter number 3360/09, in the names Commissioner for Value Added Tax vs David Pace and Ecotrade Limited, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company Ecotrade Limited, in terms of Article 187(3) et of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 16th September 2009

To: David Pace I.D. Number 233464(M)
15, Triq Windsor,
Sliema.

Ecotrade Limited C 27394
15, Windsor Terrace,
Sliema.

By the present the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you for all intents and purposes of the Act of 1998 regarding Value Added Tax, so that within two days you pay the amount of Euro 62,620.79 (Sixty two thousand six hundred and twenty Euro and seventy nine euro cents) as Value Added Tax which sum is due by you according to the same Act;

This calling is being made for all intents and purposes of law, and particulary, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax, has against you.

In default the interpellant warns you that he shall execute the said executive title he has against you pro et noe, by means of the opportune warrants.

With costs and legal interest till the date of effective payment;
So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Registry of the Superior Courts today 7th July 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*